

# Il-Politiki ta' Finanzjament tas-Sistemi tal-Edukazzjoni Inklużiva

## Rapport Sommarju Finali

FPIES

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# IL-POLITIKI TA' FINANZJAMENT TAS-SISTEMI TAL-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA

Rapport Sommarju Finali

FPIES

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) hija organizzazzjoni indipendenti u awtonoma. L-Aġenzija hija kofinanzjata mill-ministeri tal-edukazzjoni fil-pajjiżi membri tagħha u mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' għotja operattiva fil-programm tal-edukazzjoni tal-Unjoni Ewropea (UE) Erasmus+ (2014–2020).

Kofinanzjat mill-Programm tal-Unjoni Ewropea Erasmus+

Is-sostenn tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix l-approvazzjoni tal-kontenut li jirrifletti l-fehmiet tal-awturi biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li hemm fiha.

Il-fehmiet espressi minn kwalunkwe individwu f'dan id-dokument ma jirrappreżentawx neċessarjament il-fehmiet uffiċjali tal-Aġenzija, il-pajjiżi membri tagħha jew il-Kummissjoni.

Edituri: Edda Óskarsdóttir, Amanda Watkins u Serge Ebersold

Estratti mid-dokument huma permessi sakemm issir referenza ċara għas-sors. Referenza għal dan ir-rapport għandha ssir kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2018. *Il-Politiki ta' Finanzjament tas-Sistemi tal-Edukazzjoni Inklużiva: Rapport Sommarju Finali*. (E. Óskarsdóttir, A. Watkins u S. Ebersold, edituri). Odense, id-Danimarka

Bil-għan li tinkiseb aċċessibbiltà ikbar, dan ir-rapport huwa disponibbli f'25 lingwa u huwa f'format elettroniku aċċessibbli fuq il-websajt tal-Aġenzija: www.european-agency.org

Din hija traduzzjoni ta' test oriġinali bl-Ingliż. Fil-każ ta' dubju dwar l-akkuratezza tal-informazzjoni fit-traduzzjoni, jekk jogħġbok irreferi għat-test oriġinali bl-Ingliż.

ISBN: 978-87-7110-794-4 (Elettroniku)

**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2018**

Segretarjat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell
Rue Montoyer, 21
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

# WERREJ


INTRODUZZJONI 5

Proġett ta' sħubija 6

L-ATTIVITAJIET U L-METODOLOĠIJA TAL-PROĠETT 6

QAFAS TA' KWISTJONIJIET, FATTURI U MOTIVATURI TA' POLITIKA 8

Kwistjoni transettorjali 1: Li jiġi żgurat li l-istudenti jiġu inklużi b'mod effettiv f'opportunitajiet edukattivi xierqa 10

Kwistjoni transettorjali 2: Il-promozzjoni ta' approċċ lejn l-edukazzjoni inklużiva imsejjes fuq l-iżvilupp tal-iskola 11

Kwistjoni transettorjali 3: Il-provvista ta' ambjenti ta' tagħlim innovattivi u flessibbli 12

Kwistjoni transettorjali 4: Li jiġi żgurat li s-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva jkunu trasparenti u responsabbli 13

KUMMENTI TAL-GĦELUQ 15

REFERENZI 16



# INTRODUZZJONI

*Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim* targumenta li:

> *L-aċċess ugwali u effettiv għall-edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità għall-istudenti kollha, inklużi dawk b'oriġini ta' migrazzjoni, dawk minn ambjenti soċjoekonomiċi żvantaġġati, dawk bi bżonnijiet speċjali u dawk b'diżabilitajiet – f'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità – huwa indispensabbli biex jinkisbu soċjetajiet aktar koeżivi* (Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2018, p. 6).

Ir-riċerka turi li l-mekkaniżmi ta' ffinanzjar huma kritiċi biex jiġi determinat it-tip ta' tqegħid fi skola li se jiġi offrut lill-istudenti minn gruppi żvantaġġjati (OECD, 2012). Is-sistemi ta' finanzjament tal-edukazzjoni għandhom rwol kruċjali biex jiġi żgurat li l-istudenti kollha – inklużi dawk li huma marġinalizzati minħabba s-sess, ir-reliġjon, l-abbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-istat soċjali jew l-etniċità tagħhom – ikollhom aċċess għal sistema ta' edukazzjoni inklużiva fil-livelli kollha tat-tagħlim tul il-ħajja (UNESCO, 2009). Filwaqt li l-pajjiżi jiffaċċjaw sfidi differenti rigward il-finanzjament biex jappoġġjaw l-edukazzjoni inklużiva, huwa importanti li jiġi żgurat li r-riżorsi disponibbli – umani u oħrajn – jintużaw bl-iktar mod effettiv (UNESCO, 2017).

Il-premessa tal-proġett tal-**Politiki ta' Finanzjament tas-Sistemi tal-Edukazzjoni Inklużiva** (FPIES) hija li min ifassal il-politika madwar l-Ewropa jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi ta' ffinanzjar huma lieva kritika għat-tnaqqis tad-disparità fl-edukazzjoni. Madankollu, dawn jeħtieġu informazzjoni iktar dettaljata dwar l-impatt tal-mekkaniżmi ta' ffinanzjar fuq l-edukazzjoni inklużiva, li tista' tintuża biex tiggwida l-iżvilupp tal-politiki tagħhom.

Il-proġett tal-FPIES huwa rispons għal din il-ħtieġa ta' politika li ġiet identifikata. Il-proġett li kien għaddej mill-2016 sal-2018, jibni fuq proġett preċedenti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija): **Finanzjament tal-Edukazzjoni Inklużiva – L-Immappjar tas-Sistemi tal-Pajjiżi għall-Edukazzjoni Inklużiva** (l-Aġenzija Ewropea, 2016). L-FPIES huwa kofinanzjat mill-Aġenzija u l-qafas **tal-Azzjoni Ewlenija 3 ta' Erasmus+ "Proġetti ta' Kooperazzjoni Progressivi"** tal-Kummissjoni Ewropea. Dan ir-rapport qasir jippreżenta sommarju tal-proġett tal-FPIES.

## Proġett ta' sħubija

Il-proġett huwa bbażat fuq kooperazzjoni diretta bejn tmien imsieħba tal-Ministeri tal-Edukazzjoni fl-**Italja**, il-**Litwanja**, in-**Netherlands**, in-**Norveġja**, il-**Portugall** u s-**Slovenja**, l-Aġenzija u l-**Universitat Ramon Llull**. Din tal-aħħar taġixxu bħala evalwatur estern tal-proġett, u tiffokaw fuq l-attivitajiet u l-outcomes tal-proġett.

Il-proġett tal-FPIES għandu l-għan li jeżamina b'mod sistematiku l-approċċi differenti lejn l-iffinanzjar tal-edukazzjoni u li jidentifika qafas ta' politika ta' finanzjament effettiv li jaħdem biex inaqqas id-disparitajiet fl-edukazzjoni.

Il-punt tal-bidu tal-proġett tal-FPIES huwa li l-oqfsa ta' allokazzjoni ta' riżorsi kurrenti fil-pajjiżi kollha huma bbażati fuq sistemi ta' edukazzjoni li għandhom l-għan li jkunu dejjem iktar inklużivi. Il-pajjiżi żviluppaw dawn l-oqfsa ta' allokazzjoni ta' riżorsi biex jippermettu lill-istakeholders jimplimentaw il-prinċipji tal-edukazzjoni inklużiva b'mod iktar effettiv.

L-attivitajiet tal-proġett huma ffokati b'mod speċjali fuq l-eżaminazzjoni tas-sistemi ta' allokazzjoni ta' riżorsi fis-sitt pajjiżi msieħba.

# L-ATTIVITAJIET U L-METODOLOĠIJA TAL-PROĠETT

Il-*Qafas Kunċettwali tal-Proġett* tal-FPIES (l-Aġenzija Ewropea, fi press-a) jibni fuq għarfien ta' riċerka eżistenti (notevolment l-Aġenzija Ewropea, 2016). Ir-rwol tal-qafas kunċettwali kien li jiggwida l-ġbir tal-informazzjoni tal-proġett u jipprovdi qafas għall-analiżi tal-informazzjoni miġbura.

Il-metodoloġija li fuqha kien ibbażat il-ġbir tal-informazzjoni fil-proġett tal-FPIES kienet l-approċċ ta' tagħlim bejn il-pari. Dan għandu l-potenzjal li jiffaċilita l-awtoevalwazzjoni u l-iskambju ta' esperjenzi biex isostnu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki fit-tul fil-pajjiżi li qed jipparteċipaw.

L-attivitajiet ewlenin ta' tagħlim bejn il-pari kienu sitt Żjarat ta' Studju fil-Pajjiżi: waħda f'kull pajjiż imsieħeb. Kull Żjara ta' Studju f'Pajjiż kienet tinvolvi firxa wiesgħa ta' stakeholders rilevanti mil-livelli tal-ministeru, tal-muniċipalità u tal-iskola fil-pajjiż li jospita u viżitaturi mil-livell tal-ministeru minn tlieta mill-ħames pajjiżi msieħba l-oħra. Il-parteċipanti fiż-Żjarat ta' Studju fil-Pajjiżi involvew ruħhom f'sensiela ta' attivitajiet maqbula minn qabel u diskussjonijiet waqt li eżaminaw fil-fond kull sistema ta' ffinanzjar tal-pajjiż għall-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali u l-edukazzjoni inklużiva. L-għan kien li

jiġu identifikati karatteristiċi, sfidi u opportunitajiet fil-mudell kurrenti. Dawn l-isfidi ta' politika fil-livell tal-pajjiż ipproduċew sorsi ta' informazzjoni b'metalivelli li servew bħala l-bażi għall-attivitajiet ta' analiżi tal-proġett. Dawk kienu rreġistrati kif ġej:

- **Ir-Rapporti tal-Pajjiżi**: Ir-Rapporti tal-Pajjiżi jidentifikaw il-punti pożittivi u l-isfidi ewlenin li jirrigwardaw l-iffinanzjar, il-governanza u l-bini tal-kapaċità li fuqhom huma bbażati s-sistemi tal-pajjiżi għall-edukazzjoni inklużiva. Ir-Rapporti tal-Pajjiżi kienu ppreparati qabel iż-Żjarat ta' Studju fil-Pajjiżi. Dawn kienu finalizzati wara li saru ż-Żjarat ta' Studju fil-Pajjiżi, fuq il-bażi tal-informazzjoni li nġabret u d-diskussjonijiet li saru fiż-Żjarat ta' Studju fil-Pajjiżi.

- Ir-**Rapporti taż-Żjarat ta' Studju fil-Pajjiżi**: Ir-Rapporti taż-Żjarat ta' Studju fil-Pajjiżi jiddokumentaw l-punti ta' diskussjoni u ta' tagħlim ewlenin minn kull żjara. Dawn jagħtu sommarju taż-żjara u analiżi komprensiva tad-diskussjonijiet.

L-informazzjoni dwar iż-Żjarat ta' Studju fil-Pajjiżi u r-rapporti huma disponibbli fuq il-paġni tal-imsieħba għall-**Italja**, il-**Litwanja**, in-**Netherlands**, in-**Norveġja**, il-**Portugall** u s-**Slovenja**.

Ir-**Rapport ta' Sinteżi** tal-Proġett tal-FPIES (l-Aġenzija Ewropea, 2018) jiġbor flimkien is-sejbiet li ħarġu mill-attivitajiet kollha tal-proġett, ir-Rapporti tal-Pajjiżi, iż-Żjarat ta' Studju fil-Pajjiżi u r-rapporti taż-Żjarat ta' Studju fil-Pajjiżi. Dan jenfasizza l-kwistjonijiet ta' finanzjament, il-fatturi u l-lievi kritiċi għat-tnaqqis tad-disparità fl-edukazzjoni permezz ta' mekkaniżmi ta' finanzjament effiċjenti, kost-effettivi u ekwitabbli.

Filwaqt li jibni fuq is-sejbiet tal-proġett ippreżentati fir-Rapport ta'Sinteżi, output ewlieni tal-proġett tal-FPIES huwa l-*Qafas ta' Gwida għall-Politika* (l-Aġenzija Ewropea, fi press-b).

L-udjenza fil-mira u l-utenti potenzjali maħsuba ta' dan il-*Qafas ta' Gwida għall-Politika* huma min ifassal il-politika (u jieħu d-deċiżjonijiet) għall-edukazzjoni inklużiva li jaħdmu f'livelli ta' sistema differenti - nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-*Qafas ta' Gwida għall-Politika* jinkludi:

- ħarsa ġenerali lejn l-**elementi ta' politika** li fuqhom hija bbażata politika komprensiva għall-iffinanzjar tas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva;
- preżentazzjoni ta' **qafas ta' politika**, li jenfasizza l-kwistjonijiet ta' politika transettorjali, kif ukoll l-għanijiet u l-objettivi ta' politika li jikkostitwixxu politika ta' finanzjament komprensiva għas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva (mogħtija fil-qosor fit-taqsima li jmiss);
- **għodda ta' awtoevalwazzjoni** li tibni fuq il-qafas propost. Din kienet żviluppata biex tgħin lil min ifassal il-politika waqt li jirriflettu u jiddiskutu dwar politiki ta' finanzjament għall-edukazzjoni inklużiva.

L-intenzjoni globali wara dan il-*Qafas ta' Gwida għall-Politika* ta' finanzjament huwa li jgħin id-diskussjonijiet futuri bejn min ifassal il-politika fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali tal-pajjiżi li jirrigwardaw il-politiki ta' finanzjament għas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva. Il-membri kollha tal-Aġenzija jifhmu li diskussjonijiet bħal dawn huma kruċjali għat-titjib tal-implimentazzjoni, l-akkontabilità u l-governanza fir-rigward ta' dawn is-sistemi.

# QAFAS TA' KWISTJONIJIET, FATTURI U MOTIVATURI TA' POLITIKA

Fi ħdan qafas ta' politika komprensiva għall-iffinanzjar ta' sistemi ta' edukazzjoni inklużiva, l-iffinanzjar m'għandux jitqies bħala għan fih innifsu. Minflok, dan huwa għodda biex jiġu promossi u żgurati sistemi ta' edukazzjoni inklużiva li jipprovdu opportunitajiet ta' edukazzjoni ta' kwalità għall-istudenti kollha.

Is-sejbiet tal-proġett tal-FPIES jikkollegaw il-mekkaniżmi ta' finanzjament għas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva ma' lievi importanti li jsostnu l-implimentazzjoni ta' politiki ta' edukazzjoni inklużiva effiċjenti u kost-effettivi. Il-politiki tal-edukazzjoni inklużiva tal-pajjiżi huma inkorporati f'sistemi b'ħafna livelli u stakeholders differenti għall-edukazzjoni inklużiva, li jkopru l-proviżjoni mainstream u speċjalizzata. Dawn is-sistemi jinvolvu mekkaniżmi transministerjali u transettorjali u jinkludu aspetti mhux edukattivi li jaffettwaw l-aċċess tal-istudenti għal edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għolja. Għaldaqstant, l-effiċjenza u l-effettività fl-infiq tal-mekkaniżmi ta' finanzjament jiddependu fuq lievi essenzjali għas-sejba ta' riżorsi li jinkorporaw mezzi u riżorsi f'qafas integrat għall-kooperazzjoni interistituzzjonali u l-proviżjoni koordinata (l-Aġenzija Ewropea, 2016; 2018).

Dawn is-suġġetti fundamentali jikkollegaw il-mekkaniżmi ta' finanzjament għas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva ma' erba' kwistjonijiet transettorjali. Dawn il-**kwistjonijiet** jinkwadraw il-kwalità tal-edukazzjoni inklużiva u l-effettività fl-infiq tagħha bħala suġġetti importanti jew dimensjonijiet ta' politika li għandhom jitqiesu meta jiġu implimentati politiki tal-edukazzjoni inklużiva effettivi ta' kwalità għolja u kost-effettivi.

Dawn il-kwistjonijiet huma konnessi ma' għadd ta' **fatturi** ta' provvista ta' riżorsi kritiċi li jiddeterminaw edukazzjoni inklużiva ekwitabbli, effiċjenti u kost-effettiva. Il-fatturi huma, imbagħad, konnessi ma' **motivaturi** ta' finanzjament prinċipali li jitqiesu bħala essenzjali għall-implimentazzjoni ta' politiki ta' finanzjament effettivi (l-Aġenzija Ewropea, 2018). Flimkien, il-kwistjonijiet, il-fatturi u l-motivaturi huma qafas indikattiv għall-proviżjoni tal-finanzjament u r-riżorsi meħtieġa għas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva.



# Kwistjoni transettorjali 1: Li jiġi żgurat li l-istudenti jiġu inklużi b'mod effettiv f'opportunitajiet edukattivi xierqa

Strateġiji ta' esklużjoni li jċaħħdu lill-istudenti mid-dritt tagħhom għall-edukazzjoni u l-edukazzjoni inklużiva, u/jew iwasslu biex l-istudenti jiġu llejbiljati bħala li jeħtieġu deċiżjoni uffiċjali rigward ħtiġijiet edukattivi speċjali, għandhom jiġu evitati. Il-messaġġ ewlieni li huwa l-bażi ta' din il-kwistjoni huwa l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati strateġiji li jwasslu għall-inklużjoni edukattiva, mhux l-esklużjoni.

Il-fatturi ta' provvista ta' riżorsi kritiċi u l-motivaturi prinċipali interkonnessi wara din il-kwistjoni huma:

| **Il-fatturi ta' provvista ta' riżorsi kritiċi ewlenin** | **Il-motivaturi prinċipali** |
|---|---|
| Impenn politiku lejn id-dritt għall-edukazzjoni għall-istudenti kollha | • Impenn finanzjarju lejn l-edukazzjoni inklużiva<br>• Impenn lejn l-eċċellenza għal kulħadd<br>• Investiment fl-iżvilupp ta' miżuri ta' sostenn differenti għall-istudenti |
| L-inkorporazzjoni tal-edukazzjoni inklużiva fil-kuntesti lokali fi ħdan approċċ ibbażat fuq il-komunità | • L-inkorporazzjoni tal-edukazzjoni inklużiva bħala kompitu u qasam ta' responsabbiltà prinċipali fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet<br>• Il-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali tal-iskejjel lejn l-edukazzjoni inklużiva |
| Il-promozzjoni ta' approċċ imsejjes fuq l-iżvilupp tal-iskola | • L-iżgurar ta' bilanċ sostenibbli bejn l-approċċi ta' finanzjament tal-iskola sħiħa (throughput) u l-approċċi ta' finanzjament ibbażati fuq il-ħtiġijiet (input)<br>• Is-sejba ta' mekkaniżmi li jħeġġu l-iżvilupp ta' komunitajiet ta' tagħlim inklużiv |

# Kwistjoni transettorjali 2: Il-promozzjoni ta' approċċ lejn l-edukazzjoni inklużiva imsejjes fuq l-iżvilupp tal-iskola

Mekkaniżmi ta' finanzjament li jaġixxu bħala diżinċentiv għall-edukazzjoni inklużiva għandhom jiġu evitati. Sistemi ta' ffinanzjar flessibbli għandhom jiżguraw approċċ imsejjes fuq l-iżvilupp tal-iskola li jibni komunitajiet ta' tagħlim permezz tal-iżvilupp ta' forom ta' tagħlim innovattivi u flessibbli li jikkombinaw il-prestazzjoni u l-ekwità. Il-messaġġ ewlieni li fuqu hija bbażata din il-kwistjoni huwa s-sostenn ta' timijiet ta' skejjel li jieħdu responsabbiltà biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-istudenti kollha.

Il-fatturi ta' provvista ta' riżorsi kritiċi u l-motivaturi prinċipali interkonnessi wara din il-kwistjoni huma:

| **Il-fatturi ta' provvista ta' riżorsi kritiċi ewlenin** | **Il-motivaturi prinċipali** |
|---|---|
| Il-provvista ta' inċentivi għal ambjent tat-tagħlim ta' sostenn | • Għajnuna finanzjarja għall-iskejjel u l-istudenti f'riskju ta' prestazzjoni baxxa<br>• Mekkaniżmi ta' provvista ta' riżorsi li jrawwmu netwerks ta' tagħlim |
| Il-promozzjoni tal-awtonomija tal-iskejjel | • Użu flessibbli tal-finanzjament pubbliku<br>• Il-flessibbiltà organizzazzjonali |
| L-inkorporazzjoni tal-edukazzjoni inklużiva f'mekkaniżmi ta' assigurazzjoni ta' kwalità ta' sostenn fil-livell tal-iskola | • Sostenn għat-tmexxija distribwita<br>• Kombinazzjoni adegwata ta' mezzi għal ambjenti tat-tagħlim innovattivi u ta' sostenn |

# Kwistjoni transettorjali 3: Il-provvista ta' ambjenti ta' tagħlim innovattivi u flessibbli

Mekkaniżmi ta' finanzjament ineffettivi jaġixxu bħala inċentiv għas-segregazzjoni u l-esklużjoni meta t-tagħlim u s-sostenn fl-ambjenti mainstream huma perċepiti bħala inadegwati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-istudenti. Dan jista' jwassal biex l-istakeholders jaħsbu li l-ambjenti speċjali (jiġifieri skejjel u klassijiet separati) jipprovdu sostenn edukattiv aħjar għal ċertu studenti. Il-messaġġ ewlieni li fuqu hija bbażata din il-kwistjoni huwa li l-mekkaniżmi ta' finanzjament effettivi jaġixxu bħala inċentiv għall-edukazzjoni inklużiva meta dawn jippromwovu mekkaniżmi għall-bini tal-kapaċità li jagħtu s-setgħa lill-istakeholders biex jiżviluppaw ambjenti ta' tagħlim mainstream li huma innovattivi u flessibbli għall-istudenti kollha.

Il-fatturi ta' provvista ta' riżorsi kritiċi u l-motivaturi prinċipali interkonnessi wara din il-kwistjoni huma:

| Il-fatturi ta' provvista ta' riżorsi kritiċi ewlenin | Il-motivaturi prinċipali |
|---|---|
| L-iffaċilitar ta' strateġiji ta' bini ta' kapaċità | • L-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet lokali, lill-iskejjel jew lill-istudenti |
| Li l-ambjenti speċjali jkunu jistgħu jintużaw bħala riżorsa għall-ambjenti mainstream | • Inċentivi biex l-ambjenti speċjali jkunu jistgħu jaġixxu bħala ċentri ta' riżorsi<br>• L-inkorporazzjoni ta' kwistjonijiet edukattivi inklużivi ta' qabel it-taħriġ u fit-taħriġ /edukazzjoni ta' speċjalisti li jaħdmu f'ambjenti speċjali |
| L-inkorporazzjoni tal-edukazzjoni inklużiva fl-iżvilupp professjonali | • L-inkorporazzjoni ta' edukazzjoni inklużiva f'opportunitajiet ta' taħriġ tal-għalliema/ edukazzjoni<br>• Il-promozzjoni tal-kapaċitajiet ta' tmexxija fl-iżvilupp tal-iskejjel inklużivi<br>• L-inklużoni tal-ġenituri f'opportunitajiet ta' taħriġ/żvilupp |

## Kwistjoni transettorjali 4: Li jiġi żgurat li s-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva jkunu trasparenti u responsabbli

Mekkaniżmi ta' allokazzjoni tar-riżorsi li jippromwovu l-illejbiljar tal-istudenti, minflok jidentifikaw oqsma għall-iżvilupp fis-sostenn u l-proviżjoni edukattiva, mhumiex kost-effettivi fuq perjodu ta' żmien twil, u lanqas ma huma ekwitabbli. Kollaborazzjoni transettorjali mhux effettiva (jiġifieri mas-servizzi tal-protezzjoni tas-saħħa u soċjali) tista' tirriżulta f'duplikazzjoni tas-servizzi u approċċi inkonsistenti. Il-messaġġ ewlieni li huwa l-bażi ta' din il-kwistjoni huwa li s-sistemi ta' finanzjament u ta' provvista tar-riżorsi li jibbilanċjaw il-kwistjonijiet ta' effiċjenza, effettività u ekwità huma konnessi b'mod ċar mal-oqfsa regolatorji li jiffokaw fuq il-governanza, l-akkontabilità u t-titjib globali tas-sistemi.

Il-fatturi ta' provvista ta' riżorsi kritiċi u l-motivaturi prinċipali interkonnessi wara din il-kwistjoni huma:

| Il-fatturi ta' provvista ta' riżorsi kritiċi ewlenin | Il-motivaturi prinċipali |
|---|---|
| Il-konnessjoni f'netwerk ta' strateġiji ta' governanza li jippromwovu sistemi integrati għall-edukazzjoni inklużiva | • L-inkorporazzjoni tal-governanza fin-netwerks ta' skejjel u lokali, f'qafas interdixxiplinari u interministerjali |
| Iċ-ċaqliq minn mekkaniżmi ta' kontroll proċedurali għal sistemi responsabbli għall-edukazzjoni inklużiva | • Il-konnessjoni tal-finanzjament ma' ppjanar tar-riżorsi bbażat fuq l-evidenza<br>• L-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ li jmorru lil hinn mill-konformità amministrattiva<br>• L-immappjar tad-data ta' finanzjament kontra l-għanijiet tal-edukazzjoni inklużiva<br>• L-inkorporazzjoni tal-edukazzjoni inklużiva fil-mekkaniżmi ta' rappurtaġġ u ta' tixrid |
| L-inkorporazzjoni tal-politiki tal-edukazzjoni inklużiva f'sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità | • L-iżvilupp ta' proċeduri ta' evalwazzjoni eżistenti billi l-kwistjonijiet tal-edukazzjoni inklużiva jitqiesu bħala motivaturi prinċipali għal sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità<br>• L-iżvilupp ta' qafas ta' assigurazzjoni ta' kwalità ċar għall-edukazzjoni inklużiva |



# KUMMENTI TAL-GĦELUQ

Is-sejbiet li rriżultaw mill-proġett ta' Finanzjament tal-Edukazzjoni Inklużiva u l-attivitajiet kollha tal-proġett tal-FPIES (l-Aġenzija Ewropea, 2016; 2018) juru li ma hemmx mod ideali għall-iffinanzjar tal-edukazzjoni inklużiva. Tabilħaqq, kif tenfasizza l-*Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni:*

> *... m'hemm l-ebda garanzija li ż-żieda fin-nefqa pubblika tagħti riżultati aħjar b'mod awtomatiku. Fil-fatt, it-tqabbil tar-riżultati ta' PISA* [Programme for International Student Assessment] *u l-livell tan-nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni preprimarja u skolastika juri differenzi kbar fil-mod kif l-Istati Membri jagħmlu użu effiċjenti mir-riżorsi tagħhom. Din l-evidenza turi l-importanza kritika ta' effiċjenza akbar, jiġifieri li jsir l-aħjar użu possibbli ta' riżorsi limitati biex ikunu żgurati l-kwalità, l-ekwità u l-prestazzjoni* (il-Kummissjoni Ewropea, 2016, p. 3).

Il-politiki tal-edukazzjoni inklużiva tal-pajjiżi huma inkorporati f'sistemi b'ħafna livelli u stakeholders differenti għall-edukazzjoni inklużiva, li jkopru l-proviżjoni mainstream u speċjalizzata. Fil-forma kurrenti tagħhom, dawn is-sistemi għall-edukazzjoni inklużiva huma ferm iktar kumplessi mis-sistema tal-edukazzjoni ġenerali. Dawn jinkwadraw il-vjaġġi li l-pajjiżi jieħdu lejn l-edukazzjoni inklużiva.

Kif issuġġerit mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2017), il-kopertura tal-aspetti kollha tal-edukazzjoni mill-perspettiva ta' tul il-ħajja teħtieġ l-involviment ta' kwistjonijiet transministerjali u transettorjali. Din teħtieġ ukoll l-inklużjoni ta' aspetti mhux edukattivi li jaffettwaw l-aċċess tal-istudenti għal edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għolja (ibid.).

Bħala konklużjoni, is-sejbiet li saru mill-attivitajiet kollha tal-proġett tal-FPIES jikkollegaw is-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva effiċjenti u kost-effettivi ma' erba' kwistjonijiet transettorjali. Dawn il-kwistjonijiet transettorjali, sostnuti minn għanijiet ta' politika u objettivi ta' politika, huma l-fatturi abilitanti ewlenin li huma fil-bażi tal-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni inklużiva effiċjenti u kost-effettivi, li jistgħu jnaqqsu d-disparità fl-edukazzjoni.

# REFERENZI


Il-Kummissjoni Ewropea, 2016. *Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: It-titjib u l-Immodernizzar tal-Edukazzjoni*. COM/2016/0941 final. Brussell: Kummissjoni Ewropea. **eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2016:941:FIN** (Aċċessata l-aħħar Ottubru 2018)

Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2017. *Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-Inklużjoni fid-Diversità biex tinkiseb Edukazzjoni ta' Kwalità Għolja għal Kulħadd*. (2017/C 62/02). **eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2017.062.01.0003.01.MLT&toc=OJ:C:2017:062:FULL** (Aċċessati l-aħħar f'Ottubru 2018)

Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2018. *Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim*. (2018/C 195/01). Brussell: Kunsill tal-Unjoni Ewropea. **eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32018H0607%2801%29** (Aċċessata l-aħħar f'Ottubru 2018)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2016. *Financing of Inclusive Education: Mapping Country Systems for Inclusive Education [Finanzjament tal-Edukazzjoni Inklużiva: L-Immappjar tas-Sistemi tal-Pajjiżi għall-Edukazzjoni Inklużiva]*. (S. Ebersold, ed.). Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/resources/publications/financing-inclusive-education-mapping-country-systems-inclusive-education** (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2018)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2018. *Financing Policies for Inclusive Education Systems: Resourcing Levers to Reduce Disparity in Education [Il-Politiki ta' Finanzjament tas-Sistemi tal-Edukazzjoni Inklużiva: Il-Provvista ta' Lievi għat-Tnaqqis tad-Disparità fl-Edukazzjoni]*. (S. Ebersold, E. Óskarsdóttir u A. Watkins, edituri). Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/resources/publications/fpies-synthesis-report** (Aċċessat l-aħħar Ottubru 2018)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, fi press-a. *Financing Policies for Inclusive Education Systems: Project Conceptual Framework [Il-Politiki ta' Finanzjament tas-Sistemi tal-Edukazzjoni Inklużiva: Qafas Kunċettwali tal-Proġett]*. (E. Óskarsdóttir, A. Watkins u S. Ebersold, edituri). Odense, id-Danimarka

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, fi press-b. *Financing Policies for Inclusive Education Systems: Policy Guidance Framework [Il-Politiki ta' Finanzjament tas-Sistemi tal-Edukazzjoni Inklużiva: Qafas ta' Gwida għall-Politika].* (A. Watkins, E. Óskarsdóttir u S. Ebersold, edituri). Odense, id-Danimarka

OECD, 2012. *Equity and Quality in Education: Supporting Disadvantaged Students and Schools [Ekwità u Kwalità fl-Edukazzjoni: Għajnuna għal Studenti u Skejjel Żvantaġġjati]*. Pariġi: OECD Publishing

UNESCO, 2009. *Policy Guidelines on Inclusion in Education [Gwidi ta' Policy għal Inklużjoni fl-Edukazzjoni]*. Pariġi: UNESCO

UNESCO, 2017. *A Guide for Ensuring Inclusion and Equity in Education [Gwida biex Jiġu Żgurati l-Inklużjoni u l-Ekwità fl-Edukazzjoni]*. Pariġi: UNESCO




Segretarjat:

Østre Stationsvej 33
DK-5000
Odense C
Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta’ Brussell:

Rue Montoyer 21
BE-1000
Brussels
Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org


www.european-agency.org

MT